DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 22/2010

tat-12 ta' Marzu 2010

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 18/2010 tal-1 ta' Marzu 2010 [1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 886/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* CBS 493.94 bħala addittiv fl-għalf għaż-żwiemel (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Alltech France) [2] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 887/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' forma stabilizzata ta' 25-hydroxycholecalciferol bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin, dundjani għat-tismin, tjur ieħor u qżieqeż [3] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 888/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni tal-kelat taż-Żingu tal-analogu idrossilat tal-metjonina bħala addittiv għat-tiġieġ għat-tismin [4] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 896/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' *Saccharomyces cerevisiae* MUCL 39885 bħala addittiv fl-għalf għall-ħniezer nisa (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Prosol S.p.A.) [5] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 897/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1447/2006, (KE) Nru 186/2007, (KE) Nru 188/2007 u (KE) Nru 209/2008 rigward it-termini tal-awtorizzazzjoni tal-addittiv tal-għalf Saccharomyces cerevisiae NCYC Sc 47 [6] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 899/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2008 li jikkonċerna isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus rhamnosus* (CNCM-I-3698) u *Lactobacillus farciminis* (CNCM-I-3699) (Sorbiflore) [7] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 900/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodotta minn *Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-3399 bħala addittiv fl-għalf [8] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 902/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' enżim tal-endo-1,4-beta-xylanase prodotti minn *Trichoderma reesei* (CBS 114044) bħala addittiv fl-għalf għal ħnienes miftuma, tiġieġ għas-simna, tiġieġ imkabbra biex ibidu, dundjani għas-simna u dundjani mkabbra biex ibidu [għat-trobbija] (detentur tal-awtorizzazzjoni Roal Oy) [9] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(10) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 903/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Clostridium butyricum* MIYAIRI 588 (FERM-P 1467) bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Miyarisan Pharmaceutical Co. Ltd, irrappreżentat minn Mitsui & Co. Deutschland GmbH) [10] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 904/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni tal-aċidu guanidinoacetic bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin [11] għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

---

[1] Ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 254, 26.9.2009, p. 66.
[3] ĠU L 254, 26.9.2009, p. 68.
[4] ĠU L 254, 26.9.2009, p. 71.
[5] ĠU L 256, 29.9.2009, p. 6.
[6] ĠU L 256, 29.9.2009, p. 8.
[7] ĠU L 256, 29.9.2009, p. 11.
[8] ĠU L 256, 29.9.2009, p. 12.
[9] ĠU L 256, 29.9.2009, p. 23.
[10] ĠU L 256, 29.9.2009, p. 26.
[11] ĠU L 256, 29.9.2009, p. 28.

(12) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 905/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 537/2007 li jikkonċerna [l-isem tad-detentur tal-awtorizzazzjoni] l-awtorizzazzjoni għall-prodott ta' *Aspergillus oryzae* (NRRL 458) (Amaferm) ([12]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(13) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 910/2009 tad-29 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni tas-*Saccharomyces cerevisiae* CNCM I-1077 bħala addittiv fl-għalf għaż-żwiemel (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Lallemand SAS) ([13]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(14) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2009 tad-29 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni tal-*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M bħala addittiv fl-għalf għas-salmonidi u l-gambli (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Lallemand SAS) ([14]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(15) Din id-Deċiżjoni m'għandhiex tapplika għal Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu II tal-Anness I tal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 1zzy (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1443/2006):

", kif emendat bi:

— **32009 R 0887**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 887/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 68)."

2. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punti 1zzzb (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1447/2006), 1zzzi (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 188/2007) 1zzzk (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 186/2007), and 1zzzzn (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 209/2008):

", kif emendat bi:

— **32009 R 0897**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 897/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 (ĠU L 256, 29.9.2009, p. 8)."

3. Dan li ġej għandu jiżdied mal-punti 1zzzr (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 537/2007):

", kif emendat bi:

— **32009 R 0905**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 905/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 (ĠU L 256, 29.9.2009, p. 30)."

4. Dan li ġej għandu jiżdied fil-punt 1zzzzzd (ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1290/2008):

", kif emendat bi:

— **32009 R 0899**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 899/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 (ĠU L 256, 29.9.2009, p. 11)."

5. Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 1zzzzzg (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 102/2009):

"1zzzzzh. **32009 R 0886**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 886/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tas-Saccharomyces cerevisiae CBS 493.94 bħala addittiv fl-għalf għaż-żwiemel (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Alltech France) (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 66).

1zzzzzi. **32009 R 0887**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 887/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' forma stabilizzata tal-25-hydroxycholecalciferol bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin, dundjani għat-tismin, tjur ieħor u qżieqeż (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 68).

1zzzzzj. **32009 R 0888**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 888/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni tal-kelat taż-żingu tal-analogu idrossilat tal-metjonina bħala addittiv għat-tiġieġ għat-tismin (ĠU L 254, 26.9.2009, p. 71).

1zzzzzk. **32009 R 0896**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 896/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' Saccharomyces cerevisiae MUCL 39885 bħala addittiv fl-għalf għall-ħniezer nisa (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Prosol S.p.A.) (ĠU L 256, 29.9.2009, p. 6).

([12]) ĠU L 256, 29.9.2009, p. 30.
([13]) ĠU L 257, 30.9.2009, p. 7.
([14]) ĠU L 257, 30.9.2009, p. 10.

1zzzzzl. **32009 R 0900**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 900/2009 tal-25 ta' Settembru 2009 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tas-selenometjonina prodotta minn Saccharomyces cerevisiae CNCM I-3399 bħala addittiv fl-għalf (ĠU L 256, 29.9.2009, p. 12).

1zzzzzm. **32009 R 0902**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 902/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' enżimi tal-endo-1,4-beta-xylanase prodotti minn Trichoderma reesei (CBS 114044) bħala addittiv fl-għalf għal ħnienes miftuma, tiġieġ għas-simna, tiġieġ imkabbra biex ibidu, dundjani għas-simna u dundjani mkabbra biex ibidu (detentur tal-awtorizzazzjoni Roal Oy) (ĠU L 256, 29.9.2009, p. 23).

1zzzzzn. **32009 R 0903**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 903/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' Clostridium butyricum MIYAIRI 588 (FERM-P 1467) bħala addittiv fl-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Miyarisan Pharmaceutical Co. Ltd, irrappreżentat minn Mitsui & Co. Deutschland GmbH) (ĠU L 256, 29.9.2009, p. 26).

1zzzzzo. **32009 R 0904**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 904/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' l-aċidu guanidinoacetic bħala addittiv fl-għalf tat-tiġieġ għat-tismin (ĠU L 256, 29.9.2009, p. 28).

1zzzzzp. **32009 R 0910**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 910/2009 tad-29 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni tas-Saccharomyces cerevisiae CNCM I-1077 bħala addittiv fl-għalf taż-żwiemel (id-detentur tal-awtorizzazzjoni Lallemand SAS) (ĠU L 257, 30.9.2009, p. 7).

1zzzzzq. **32009 R 0911**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2009 tad-29 ta' Settembru 2009 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni ta' Pediococcus acidilactici CNCM MA 18/5M bħala addittiv fl-għalf għas-salmonidi u l-gambli (detentur tal-awtorizzazzjoni Lallemand SAS) (ĠU L 257, 30.9.2009, p. 10)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolamenti (KE) Nru 886/2009, (KE) Nru 887/2009, (KE) Nru 888/2009, (KE) Nru 896/2009, (KE) Nru 897/2009, (KE) Nru 899/2009, (KE) Nru 900/2009, (KE) Nru 902/2009, (KE) Nru 903/2009, (KE) Nru 904/2009, (KE) Nru 905/2009, (KE) Nru 910/2009 u (KE) Nru 911/2009 fil-lingwa Iżlandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE *tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-13 ta' Marzu 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata fis-Sezzjoni ŻEE u fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) Ma huma indikati l-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali.